

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 126/2015

tat-30 ta' April 2015

li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE [2016/1309]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1153/2014 tad-29 ta' Ottubru 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 198/2006 fir-rigward tad-dejta li trid tinġabar, u r-rekwiżiti ta' teħid ta' kampjuni, il-preċiżjoni u l-kwalità ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Anness XXI tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 18r (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 198/2006) tal-Anness XXI tal-Ftehim ŻEE:

“— **32014 R 1153:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1153/2014 tad-29 ta' Ottubru 2014 (ĠU L 309, 30.10.2014, p. 9).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 1153/2014 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gianluca GRIPPA

⁽¹⁾ ĠU L 309, 30.10.2014, p. 9.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.